TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 157/16/F

**Marthese Formosa**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 26 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Settembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sitt mija, u ħamsin ewro (€650), rappreżentanti prezz ta' tank ġdid ta' *solar water heater* stante li kellu difetti u problemi waqt il-garanzija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *solar water heater* mingħand is-soċjeta' ntimata u qabel ma skadiet il-garanzija kienet ilmentat li kien qed jillikja l-ilma, u ġew it-technicians tas-soċjeta' ntimata u biddlu l-*heater* għal darba darbtejn, pero' dan xorta baqa' jillikja. U sa fl-aħħar, wara li għaddiet il-garanzija, indunaw li l-ilma kien ukoll ġej mit-tank tal-ilma.

Ir-rikorrenti issottomettiet illi l-ilma kien minn dejjem ġej mit-tank u li kienu qed jieħdu żball isewwu l-*heater*.

It-Tribunal jinnota u jivvaluta illi jekk verament kien nieżel l-ilma u li rranġaw il-*heater* għal darba darbtejn, ma jistax ikun li baqa'nieżel l-istess ilma, u li allura l-ilma l-probabilta' kbira hija li kien ġej mit-tank għax kellu l-problemi, u li t-tank kien kopert bil-garanzija meta kien beda nieżel l-ilma.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), jew inkella tinstalla tank tal-ilma ġdid a spejjeż tal-istess soċjeta' ntimata, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**